MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Numru. 828/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Ian J.Abdilla)**

**vs**

**Mark Anthony Camilleri**

Kumpilazzjoni Nru: 828/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Mark Anthony Camilleri** ta’ 33 sena, iben Michael u Rose nee’ Zarb, imwieled St. Julian’s fit-2 ta’ Frar 1976, u li joqghod fi Numru 32, Seabreeze, Xatt il-Palm, Bahar ic-Caghaq. Detentur tal-Karta ta’l-Identita’ bin-numru 70876M.

Akkuzat talli
a. talli f' Marzu 2009, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ikorrompa lil Nigel Abela, ufficcjal jew impjegat pubbliku bhala ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT, u irrenda ruhu komplici ma' l-istess Nigel Abela filli, fil-kapacita' tieghu ta' ufficcjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd;

b. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, talab, irceva, jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 121A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

d. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, sabiex jinkiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

e. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom,

ghamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw taghrif mehtieg ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li kienu jafu li ma kienux korrett jew qarrieqi f'xi rigward materjali.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 42, 115, 119, 120(1), 121A(1), 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 16 ta' Gunju, 2010 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li b'l-ghajnuna ta' terza persuna gew sottomessi denunzji (ta' socjeta kummercjali

rapprezentata mill-imputat) skorretti biex jonqos l-ammont ta’ taxxa dovuta minn din is-socjeta.

Illi jirrizulta ukoll li l-imputat qieghed f’diskussjonijiet mad-dipartiment biex jasal f’arrangament biex jirregolarixxa il-pozizzjoni tieghu.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat ikkollabora ma’l-ufficjali investigattivi, ammetta l-involviment tieghu mhux biss f’l-istqarrija imma anke f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42, 115(c), 119, 120(1), 121A(1), 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija li b’appikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin kif ukoll ghal multa ta’ sebgha mitt Euro (Euro 700) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur. In oltre il-Qorti qed tordna fil-konfront ta’ l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkommetti reat iehor f’perjodu ta’ erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------